DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 153/2011

tat-2 ta' Diċembru 2011

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2011 tal-21 ta' Ottubru 2011 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/205/UE tal-31 ta' Marzu 2010 dwar il-kwestjonarju ta' rappurtar li jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE ([2]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 1h (ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"1ha **32010 D 0205**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/205/UE tal-31 ta' Marzu 2010 dwar il-kwestjonarju ta' rappurtar li jirrigwarda r-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 88, 8.4.2010, p. 18)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1f (id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE):

"— **32010 D 0205**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/205/UE tal-31 ta' Marzu 2010 (ĠU L 88, 8.4.2010, p. 18)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2010/205/UE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Diċembru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

([1]) ĠU L 341, 22.12.2011, p. 87.
([2]) ĠU L 88, 8.4.2010, p. 18.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.